**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 29 ta` Settembru 2016**

**Kawza Nru. 20**
**Rik. Gur. Nru. 696/2011 JZM**

**John Abela [Karta ta` l-Identita` numru 369753(M)], Emanuel Abela [Karta ta` l-Identita` numru 61649(M)], u Anthony Abela [Karta ta` l-Identita` numru 418655M)]**

***kontra***

**Doris Abela [Karta ta` l-Identita` numru 28648(M)]**

***u***

**Central Cement Limited [C6108]**

***u***

**b`digriet moghti fl-20 ta` Ottubru 2015 George Abela (ID 604137M), Jesmond Abela (ID 436967M), bhala prokuratur tal-assenti ohtu Francesca (Numru tal-Passaport Malti 552987) mart Carmelo sive Charles Gatt, Mariella (ID 137068M) mart Raymond Sant u Nathalie Abela (ID 68169M), ulied Carmelo Abela, gew awtorizzati jintervjenu fil-kawza *in statu et terminis***

**Il-Qorti :**

**Dan huwa provvediment dwar talba li ghamlu l-atturi John Abela u Anthony Abela fl-udjenza tat-28 ta` Gunju 2016 (fol 1273 u 1274) sabiex il-Qorti tordna l-isfilz ta` risposta guramentata ulterjuri li pprezentat il-konvenuta Doris Abela fil-31 ta` Mejju 2016 (fol 1271 u 1272).**

Rat ir-risposta guramentata ulterjuri li pprezentat il-konvenuta Doris Abela li taqra hekk :-

*1. Illi assolutament minghajr pregudizzju ghall-fatt li l-esponenti tibqa` tichad illi qatt kien hemm xi intendiment li d-defunt Alfred Abela jakkwista l-ishma mertu ta` din il-kawza ghan-nom tal-atturi (jew tal-intervenut fil-kawza jekk dan b`xi mod qed iressaq pretensjoni f`dan is-ens) l-esponenti fi kwalunkwe kaz teccepixxi ulterjorment illi t-talbiet <u>kollha</u> ta` l-atturi li huma bbazati fuq allegata ezistenza ta` mandate (prokura) biex l-istess ishma jinxtraw mid-defunt Alfred Abela ghan-nom jew fl-interess ta` hutu hawn fuq imsemmija huma ormai preskritti at termini tal-artikolu 1886(1)(b) kif ukoll l-artikolu 2119 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta) u artikoli ohra konnessi ma` dawn l-imsemmija artikoli.*

*2. Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.*

Rat il-verbal tal-udjenza tat-28 ta` Gunju 2016 fejn *inter alia* nghad :-

*Dr Stephen Thake jitlob l-isfilz tal-eccezzjoni ulterjuri mressqa mill-konvenuta wara l-ahhar udjenza billi d-disposizzjonijiet citati minnha fl-imsemmija eccezzjoni ma jikkonformawx mal-eccezzjoni ta` preskrizzjoni illi hija eccezzjonalment ammessa f`dawn l-istadji tal-proceduri.*

*Dr Jonathan Spiteri jirribatti billi jghid illi l-preskrizzjoni moghtija hija estintiva u allura permissibbli.*

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum sabiex taghti provvediment fil-miftuh dwar it-talba tal-atturi Abela.

**Ikkunsidrat :**

Il-provvediment tal-lum jittratta l-**<u>ammissibilita</u>`** o meno tar-risposta guramentata ulterjuri tal-konvenuta Doris Abela ; min-naha wahda, l-atturi qeghdin jikkontendu li dak eccepit ulterjorment mhuwiex fis-sostanza eccezzjoni

ta` preskrizzjoni, waqt li min-naha l-ohra l-konvenuta tinsisti li dik ulterjuri hija eccezzjoni ta` preskrizzjoni estintiva li allura tista` tinghata fi kwalunkwe stadju tal-kawza.

**Il-konvenuta qeghda tibbaza l-eccezzjoni ulterjuri fuq l-Art 1886(1)(b) u l-Art 2119 tal-Kap 16.**

**1) L-Art 1886(1)(b) tal-Kap 16**

Din id-disposizzjoni hija nserita fit-Titolu XVIII (FUQ IL-MANDAT) li qieghed fit-Tieni Taqsima tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Civili, precizament fis-Sub-Titolu IV intitolat "KIF JISPICCA L-MANDAT".

Id-disposizzjoni taqra :

*(1) Il-mandat jispicca –*

*(a) bit-tnehhija tal-prokura ;*

*(b) bil-mewt, bl-inibizzjoni, generali jew parzjali, li jikkuntratta, bid-dikjarazzjoni ta` falliment, jew bic- cessio bonorum, tal-mandant jew tal-mandatarju ;*

*(c) bit-tmiem tas-setghat tal-mandant ;*

*(d) bl-eghluq taz-zmiem li ghalih il-mandat kellu jissokta;*
*(e) bir-rinunzja tal-mandatarju …*

Fin-nota tal-margini, hemm miktub : TMIEM TAL-MANDAT

Din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju li dan l-artikolu bazikament qed jiddeskrivi l-metodu kif mandat jista` jispicca u jigi terminat. Dan kien ribadit f`ghadd ta` pronunzjamenti tal-Qorti tal-Appell fosthom is-sentenza tal-14 ta` Jannar 2002 fil-kawza "**Charles Michael Gauci vs Alfred Vella pro et noe et**" fejn inghad :

*"Bhala regola japplika l-principju "chi bolla sbolla", li jfisser li l-mandant jista` jirrevoka u jnehhi l-prokura ta` l-amministratur. Infatti l-art. 1886 tal-Kodici Civili jipprovdi li l-mandat jispicca qabel xejn bit-tnehhija tal-prokura …*

***Hu mbaghad principju bazilari ta` dritt li kull mandat jispicca bl-mewt tal-mandant jew tal-mandatarju. Infatti is-subinciz (b) ta` l-istess***

***art. 1886 jiddekreta li mandat jispicca bil-mewt,*** *bl-inibizzjoni generali jew parzjali li jikkuntratta, bid-dikjarazzjoni tal-falliment jew bic-cessio bonorum tal-mandant jew tal-mandatarju."*

Fl-istess sens kienet id-decizjoni taghha tal-5 ta` Ottubru 2001 fil-kawza "**Joseph Aquilina nomine vs Jean Paul Mifsud noe et**" fejn il-Qorti ta` l-Appell sahqet li l-mandat jintemm *ipso iure* bil-mewt tal-mandant u ma hemm ebda bzonn li ssir revoka *ad hoc* tal-inkariku :

*"Hu mbaghad principju bazilari ta` dritt li ma jenhtieg l-ebda elaborazzjoni illi l-mandat jispicca bil-mewt tal-mandant jew tal-mandatarju. ...Il-konsegwenza ta` dan kollu hu illi una volta l-mandatarju – f`dan il-kaz l-appellanti – ikun gie ezawtorat mill-mandat tieghu ghaliex il-mandant ikun "miet", l-appellant la qabel kienu mandatarji ma jistghux jibqghu jippretendu li ghandhom xi jedd li jibqghu jamministraw dak li ma jkunx ghadu jappartjeni lill-mandant taghhom."*

Dan premess, tajjeb jinghad illi l-**Art 2107 tal-Kap 16** jiddefinixxi kemm il-preskrizzjoni akkwizittiva kif ukoll dik estentiva :

*"(1) Il-preskrizzjoni hija mod ta` akkwist ta` jedd b`pussess kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku, u mhux ekwivoku, ghal zmien li tghid il-ligi.*

*(2) Il-preskrizzjoni hija wkoll mezz sabiex wiehed jehles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx ezercita l-jedd tieghu ghal zmien li tghid il-ligi."*

Dwar id-distinzjoni bejn iz-zewg tipi ta` preksrizzjoni, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti diversament ippreseduta moghtija fil-5 ta` Ottubru 2004 fil-kawza "**Joseph Aquilina noe vs Sunny Homes Limited et"** fejn intqal :

*" ... nonostante li r-regola kontemplata fl-artikolu precitat tapplika fil-generalita` taghha kemm ghall-preskrizzjoni estintiva kif ukoll ghal dik akkwizittiva, hemm distinzjoni elementari bejn dawn iz-zewg preskrizzjonijiet; ghax filwaqt li fil-preskrizzjoni estintiva l-eccepjent huwa tenut jipprova biss il-perkors taz-zmien statutorju applikabbli u imbaghad ikun jispetta lill-attur kreditur li jiddefendi lilu nnifsu billi jaghzel it-triq u l-mezz li taghtih din il-ligi biex jinnewtralizza tali eccezzjoni; fil-kaz tal-preskrizzjoni akkwizittiva, din tirrikjedi l-prova mhux biss tal-perkors taz-zmien stabbilit mill-ligi, imma wkoll tal- elementi kollha li l-ligi tezigi li jigu pruvati biex din l- eccezzjoni tirnexxi [App.Civ. Josianne Sciberras vs Giovanni Vella u Jeremy Holland noe vs Joseph Chetcuti Decizi rispettivament fil-21 Frar 1996 u fil-25 ta` Frar 2000....)]"*

Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fis-27 ta` Gunju 2003 fil-kawza "**<u>Salvino Testaferrata Moroni Viani et vs Francis Montanaro</u>**" inghad hekk :

*"Jidher bic-car illi t-trasformazzjoni tal-linja ta` difiza adotta mill-konvenut kienet ispirata mill-hsieb rakkolt middecizjoni fl-ismijiet "**Josianne Sciberras –vs- Giovanni Vella et**", Appell, 21 ta` Frar 1996, li taghha hu stess esebixxa kopja (fol. 127) ;*

*Fiha nghad illi "hemm distinzjoni elementari bejn ilpreskrizzjoni estintiva ta` l-azzjoni u l-preskrizzjoni akkwizittiva tal-proprjeta`. Filwaqt li fl-ewwel kaz min jaghti l-eccezzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju skond liema terinu preskrittiv ikun applikabbli, jkun imbaghad jispetta lill-attur kreditur li jiddefendi lilu nnifsu billi jaghzel it-triq u l-mezz li taghtih il-ligi biex jinnewtralizza tali eccezzjoni, fit-tieni kaz tal-preskrizzjoni akkwizittiva jispetta lill-konvenut debitur mhux biss li jipprova l-perkors taz-zmien stabbilit bil-ligi, imma wkoll l-elementi kollha li l-ligi tezigi li jigu ppruvati biex l-eccezjoni tal-preskrizzjoni akkwizittiva tinghata b`success."*

*Fl-istess sens hi d-decizjoni ta` l-istess Qorti tal-25 ta` Frar 2000 fil-kawza fl-ismijiet "**Jeremy Holland nomine –vs- Joseph Chetcuti**", tant li tirriporta l-istess kliem tal-bran appena espress ;*

*Minn dan fuq dedott din il-Qorti taghmel mill-ewwel din losservazzjoni. Fil-kaz fejn tkun kontemplata lpreskrizzjoni estintiva l-oneru tal-prova biex titwaqqa` din il-preskrizzjoni jinkombi fuq l-attur li ppropona l-azzjoni."*

Sabiex ikun hemm preskrizzjoni estintiva, bhalma qed jigi allegat mill-konvenuta, irid ikun l-element ta` trapass ta` zmien stipulat fil-ligi fejn il-kreditur ma jkunx ezercita l-jedd tieghu.

**Din il-Qorti mhijiex tikkondividi l-argument tal-konvenuta li d-disposizzjoni tal-Kodici Civili li ccitat qeghda tirreferi ghall-preskrizzjoni estintiva ta` l-azzjoni. Dik id-disposizzjoni qeghda tistabilixxi biss mod kif mandat jista` jigi terminat, <u>punto e basta.</u>**

Jista` *forsi* jsir l-argument, **<u>ghalkemm imgebbed ghall-ahhar</u>**, li d-disposizzjoni tista` titqies bhala terminu ta` dekadenza ghax mal-mewt tal-mandant jew tal-mandatarju, il-mandat jispicca u ma jistax jigi ravvivat,

Dwar id-dekadenza din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza li tat fit-23 ta` Gunju 1919 fil-kawza "**<u>Giuseppe Sammut vs Notaro Odoardo Pellegrini Petit</u>**" konfermata b`sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-16 ta` Jannar 1920 qalet hekk :-

*"Che secondo I prinicipi di diritto, quando la legge stabilsce un termine entro cui un atto si deve compiere, quell termine anzicche` di prescrizione e` termine di decadenza nel senso che decorso quell termine quell` atto non sarebbe piu` ammissibile; e nel caso si tratta di un termine di procedura in cui il decorrimento del tempo a differenza che nei termini di prescizione, opera da solo la decadenza, come e` stato rilevato con sentenza data da questa Corte il 17 Febbraio 1876 in re "Azzopardi versus Galea" (Collezione Vol. VII pag 531).*

Fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tal-21 ta` Gunju 1923 fil-kawza "**Gio Maria Cauchi vs Luigi Grima et**" konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta` Marzu 1925 :

*"… quanto al contenuto giuridico della prescrizione in diritto si ritiene che la prescrizione e` la conversion in uno stato giuridico du uno stato di fatto sempre difforme dal diritto, spesso anzi lesivo di esso, solo perche` si e` mantenuto tale per tutto il tempo stabbilito dalla legge. Nella decadenza invece, non si ha la conversion di uno stato di fatto difforme dal diritto in uno state giuridico, da che essa non presuppone uno stato di fatto che sia in contravvenzione coll` ordinamento giuridico, ma solo presuppone che lo stato di fatto esistente potra` esser impugnato, potra` anche essere radicalmente sovvertito, se nel termine e nei modi stability dalla legge viene esplicata l` attivita` che ha per iscopo di alterarlo, e quindi la decadenza lungi dal produrre la conversion di un tale stato di fatto che e` perfettamente giuridico, lo convalida e lo rende immune da ogni impugnativa."*

L-awtur **Modica** fit-Trattat intitolat "**La teoria della decadenza nel Diritto Civile Italiano**" (Vol 1. N.220, pag 266) ghal liema awtur saret referenza fid-decizjoni ta` din il-Qorti diversament preseduta tal-5 ta` Dicembru 1935 fil-kawza "**Antonio Borg vs Commander Sidney Erle Nicolle**" fisser illi d-dekadenza hija "*la fine dell azione per non aver esercitato il diritto entro il termine.*"

Fis-sentenza li tat fl-1 ta` Gunju 1959 fil-kawza "**Paolo Koludrovich vs Carmelo Muscat**" il-Qorti ta` l-Appelli Kummercjali ghamlet ukoll referenza ghal diversi awturi dwar il-kwistjoni. Qalet :-

*"Illi d-distinzjoni bejn preskrizzjoni u dekadenza hi materja indubbjament sottili; u billi jonqos il-kriterju fissat mill-ligi, l-opinjonijiet huma wisq varji, u ma jonqsux skritturi li jaffermaw l-identita` tad-dekadenza u tal-preskrizzjoni, jew almenu analogija tali li tispingi ruhha ghall-akbar grad bejn il-wahda u l-ohra. U difatti,* ***Dunot*** *jikkonfondi t-termini ta` preskrizzjoni u t-termini stabbiliti that piena ta` dekadenza; u* ***Merlin*** *jghallem illi d-dekandenzi huma suxxerribbli tal-applikazzjoni tar-regoli kollha proprji tal-preskrizzjoni estintiva, sakemm il-ligi ma tiddisponix altrimenti, sija f` termini espressi, sija b` mod*

*implicitu in rapport ta` xi whud minnhom; filwaqt li* ***Troplong, Laurent, Aubry et Rau,*** *u* ***Lereaux de Bretagne*** *ippruvaw jistabilixxu distinzjoni bejn id-dekandenzi u l-preskrizzjonijiet….Skond* ***Pugliese*** *id-differenzi karatteristici bejn iz-zewg istituti huma dawn: il-preskrizzjoni tikkolpixxi direttament id-dritt, id-dekadenza testingwi l-azzjoni pura u semplici; il-preskrizzjoni titfi d-dritt u tipproduci l-liberazzjoni minn obbligazzjoni jew minn piz, id-dekadenza, ghall-kuntrarju, tirrendi inoppunjabbli d-dritt li kontra tieghu kienet tista` tigi , u invece ma gietx, ezercitata l-azzjoni spettanti lill-avversarju; izda l-istess* ***Pugliese*** *jirrikonoxxi illi l-ewwel proposizzjoni hija hafna kontroversa. Ghalhekk, skond* ***Pugliese****, id-dekadenza ma tipproducix il-konsolidazzjoni ta` stat difformi mid-dritt, ghall-kuntrarju, tikkonserva u tikkorrobora l-istat guridiku pre-ezistenti, imma tnehhieh minn kull kontestazzjoni, u kwindi tipproduci l-effett dijametrikalment oppost ghal dak tal-preskrizzjoni….”*

**Pacifici Mazzoni** fl-"**<u>Istituzioni di Diritto Civile Italiano</u>**" (Libro II, Parte 2, pag 37 et seq), li ghalih saret referenza fil-kawza fl-ismijiet "**<u>Joseph Vella noe vs Anthony Migneco et noe</u>**" deciza minn din il-Qorti diversament ippreseduta fid-9 ta` Gunju 2005 ighid :-

*"La prescrizione colpisce indirettamente il diritto e direttamente l` azione; la decadenza colpisce senz` altro il diritto che e` assoggettato ad un termine e reso di breve durata."*

**Dan premess, il-Qorti ma tqisx l-Art 1886(1)(b) tal-Kap 16 bhala terminu ta` dekadenza, billi fid-disposizzjoni ma hemmx terminu biex issir l-azzjoni, izda semplicement hemm stipulat metodu kif mandat jispicca.**

Anke li kieku kellha taccetta li jsir l-argument imgebbed illi d-disposizzjoni ghandha indole ta` dekadenza, eccezzjoni skont dan l-argument ma tistax tinghata fl-istadju attwali tal-kawza. Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-9 ta` Lulju 2008 fil-kawza "**<u>Geswalda Saliba vs Mario Galea</u>**" intqal illi :

*"L-eccezzjoni issa mqanqla tad-dekadenza ta` l-azzjoni hi wahda perentorja tal-gudizzju u, allura, ghal finijiet ta` l-istadju li fiha kellha tigi sollevata ghandha titqies bhala eccezzjoni dilatorja u kien jokkorri li titqajjem in limine litis. Dan ake ghaliex fir-rigward taghha ma tezisti ebda disposizzjoni espresso li tipprovdi xort` ohra (Art 73, Kapitolu 12). La dan ma sarx f` da nil-kaz dik l-eccezzjoni ghandha titqies rinunzjata (Kollez. Vol. XXXIII P.I p 630) in kwantu din tippresupponi dik il-kondotta processwali li tevidenzja l-ezistenza ta` dik il-volonta` univoka li l-appellanti ma riedx iqajjem dik l-eccezzjoni."*

Fl-istess sens kien deciz mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta` Novembru 2011 fil-kawza "**<u>Mario Pickard vs Grace Anderson</u>**". L-istess fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-19 ta` Mejju 2009 fil-kawza "**<u>Borg vs Sindku u Segretarju Ezekuttiv in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali Pieta et</u>**". Meta t-terminu jkun ta` dekadenza, l-eccezzjoni tista` tigi sollevata biss *in limine litis.*

**2) <u>L-Art 2119 tal-Kap 16</u>**

Ir-risposta ulterjuri tirreferi wkoll ghall-**<u>Art 2119 tal-Kap 16</u>** li jaqra :-

*Izda, il-persuni msemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan jistghu jippreskrivu jekk it-titolu taghhom jitbiddel minhabba raguni li tkun gejja minn terza persuna, jew bis-sahha tal-oppozizzjoni li huma jaghmlu ghall-jedd tas-sid.*

L-**<u>Art 2118 tal-Kap 16</u>** ighid :-

*Dawk li jzommu l-haga f`isem haddiehor jew il-werrieta taghhom, ma jistghux jippreskrivu favur taghhom infishom: bhal ma huma l-kerrejja, id-depozitarji, l-uzufruttwarji, u, generalment, dawk li ma jzommux il-haga bhala taghhom infishom.*

Dawn iz-zewg disposizzjonijiet huma nseriti fis-Subtitolu I : FUQ IL-KAWZI LI JIMPEDIXXU L-PRESKRIZZJONI.

*Per se,* ghalkemm id-disposizzjoni citata mill-konvenuta, tinsab fit-titolu relatat ma` PRESKRIZZJONI, fis-sostanza taghha d-disposizzjoni hija mirata biss biex tenunzja l-principju tad-dritt illi possessuri f`isem ta` haddiehor ma jistghux jippreskrivu favur taghhom infushom izda jistghu jippreskrivu jekk it-titolu taghhom jitbiddel.

Madanakollu, l-artikolu huwa biss principju legali dwar kif wiehed jista` jippreskrivi u mhuwiex qed jaghmel referenza ghal ebda artikolu partikolari ta` preskrizzjoni u terminu applikabbli. Kif intqal fis-sentenza "**<u>Cole vs Murgo</u>**" deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fl-10 ta` Lulju 2003, l-eccezzjoni ta` preskrizzjoni trid tkun bazata fuq terminu specifikat fil-ligi stess, u jrid ikun espressament invokat. Dan ir-rekwizit mhux rifless fid-disposizzjoni citata mill-konvenuta li sempliciment qed tistipola metodu kif preskrizzjoni tista` tibda ghaddejja f` kaz ta` ntroversjoni fit-titolu.

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti tqis bhala legalment fondata t-talba li ghamlu l-atturi John Abela u Anthony Abela fl-udjenza tat-28 ta` Gunju 2016 (fol 1273 u 1274) ghall-isfilz tar-risposta guramentata ulterjuri li pprezentat il-konvenuta Doris Abela fil-31 ta` Mejju 2016 (fol 1271 u 1272). Ghalhekk qed tordna l-isfilz tal-imsemmija risposta guramentata ulterjuri tal-konvenuta Doris Abela. L-ispejjez ta` dan il-provvediment ikun a kariku tal-konvenuta Doris Abela.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**